MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta tad-19 ta' Frar, 2008

Numru. 129/2008

Il- Pulizija
(Spettur Alexander Grech
u Spettur Spiridione Zammit)

-vs-

Nazzareno Sive Reno Mercieca,
Omisis
Wayne Catania

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l- imsemmi

Nazzareno Mercieca ta’ 36 sena sena, bin il-mejjet Louis u Carmen nee’ Scerri imwieled l-Australia fid-9 ta’ Dicembru, 1971, u residenti fil-fond Flat No. 1, Blk.B, Wesgha Knisja tan-Nattiva, Bormlau detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 130988 (M).

U

Wayne Catania ta' 17 –il sena, iben Dimitrius u Grace nee' Cini, imwieled Pieta fis- 26 ta' Awissu, 1990 li joqghod fil-fond 129, St.Joseph A, Triq il-Liedna, Fgura, detentur tal- karta ta' l- identita` bin- numru: 412790 (M).

Akkuzati talli:

Nhar is-17 ta' Frar, 2008 ghal habta ta' xi 02.15 pm waqt li kienu fi Triq id-Dejma, Tarxien, ikkommettew serq ta' ghodda u apparat iehor li jintuza fix-xoghol ta' kostruzzjoni valur ta' madwar LM755 (1757 Euro) minn go sit li gahdu that kostruzzjoni u jinsab fl-istess triq ghad-dannu ta' Victor Fenech minn Naxxar u Francis Galea mill-Mosta, liema serq hu aggravat bil-vjolenza, valur u skalar u dan bi ksur ta' artikoli 262 (1) (b), 266, 267 tal-Kap. 9. tal-ligijiet ta' Malta;

U aktar lil Nazzareno Mercieca u omissis huma akkuzati wkoll talli, b'hekk saru recidivi b'diversi sentenzi tal-Qorti u dan ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali li permezz taghha ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li dan il-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom waqt l-udjenza mizmuma fid-19 ta' Frar 2008 u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti fissritilhom l-konsegwenzi ta' ammissjoni u taghthom zmien biex jikkunsidraw l-pozizzjoni taghhom.

Rat l-artikoli 49, 50, 261(a)(b)(c), 262(1)(b), 266, 267, u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina penali ta' l-imputati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti ikkunsidrat l-ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, l-koperazzjoni taghhom mal-Pulizija, l-fatt li r-refurtiva giet rkuprata u l-fedina penali ta' l-imputati.

Illi tenut kont ta' dan il-Qorti hija tal-fehma li piena karcerarja mhiex indikata u li ghandha tapplika fil-konfront taz-zewg imputati l-provvediment ta'l-artikolu 7 tal-Kap 466.

Ghal dawn il-motivi

Fuq ammissjoni, u wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(a)(b)(c), 262(1)(b), 266, 267, u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat **Nazzareno Mercieca** hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' *probation* ghal perjodu ta' tlett (3) snin.

Fuq ammissjoni, u wara li rat l-artikoli 37, 261(a)(b)(c), 262(1)(b), 266, u 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat **Wayne Catania** hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' *probation* ghal perjodu ta' sentejn (2).

Il-Qorti spjegat lill-hatja Nazzareno Mercieca u Wayne Catania fi kliem car r-responsabbilta taghhom u x'jigri jekk huma jikkommettu reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija waqt il-perjodu ta' tlett snin u sentejn rispettivament.

Il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficcju tal-*Probation* sa biex jigi assenjat ufficjal responsabbli ghas-sorveljanza tal-hatja.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------